



2024/1178

24.4.2024

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1178**

**tat-23 ta' April 2024**

**li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 u (UE) 2020/1988 fir-rigward tal-ħolqien, tal-modifika u tal-ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji b'segwitu għall-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi r-regoli għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u jipprevedi regoli speċifiċi għal dik il-ġestjoni.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 <sup>(3)</sup> jistabbilixxi r-regoli għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-importazzjoni mfassla biex jintużaw skont l-ordni kronoloġika tad-dati ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali (il-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel").
- (3) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244 <sup>(4)</sup>, il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand ("il-Ftehim") ġie konkluż fis-27 ta' Novembru 2023.
- (4) L-emendi li saru permezz ta' dak il-Ftehim jenħtieġ li jiġu riflessi fl-Annessi I, VIII, IX, XIV u XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 u fl-Annessi I, II u V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 u (UE) 2020/1988 jiġu emendati kif xieraq.
- (6) Huma meħtieġa dispożizzjonijiet tranżizzjonali biex jiċċaraw il-kwantitajiet li għandhom jiġu applikati fl-ewwel sena tal-applikazzjoni, u kif għandhom jiġu ttrattati s-sitwazzjonijiet li jstgħu jinqalgħu bħala riżultat tal-għeluq u l-ftuħ tal-kwoti fl-istess perjodu tal-kwota.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj>.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2020/761/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/761/oj)).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 tal-11 ta' Novembru 2020 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni f'konformità mal-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel" (ĠU L 422, 14.12.2020, p. 4, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2020/1988/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1988/oj)).

<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244 tas-27 ta' Novembru 2023 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand (ĠU L, 2024/244, 28.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/244/oj>).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761**

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, il-punt (m) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(m) in-notifika lill-Kummissjoni ta' informazzjoni relatata mas-sistema elettronika LORI, maċ-ċertifikati ta' awtentiċità (CA), maċ-ċertifikati tal-Arrangement ta' Monitoraġġ Attiv (IMA 1) u maċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà.”;

(2) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fit-Titolu III, il-liċenzji li jinħarġu għal kwoti tariffarji tal-importazzjoni ġestiti b'dokumenti li jinħarġu minn pajjiżi terzi għandhom ikunu validi mid-data tal-ħruġ tagħhom sa 23.59 (ħin ta' Brussell) tat-30 jum kalendarju wara l-aħħar jum tal-validità taċ-ċertifikati IMA 1 jew CA li jkunu nħarġu għalihom. Dak il-perjodu ta' validità ma għandux jaqbeż it-tmiem tal-perjodu tal-kwota tariffarja. Il-liċenzji maħruġa għall-kwoti tariffarji tal-importazzjoni ġestiti b'ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom ikunu validi mid-data tal-ħruġ tagħhom sa 23.59 (ħin ta' Brussell) tal-aħħar jum tal-perjodu tal-kwota tariffarja.”;

(3) L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

**“Notifiki lill-Kummissjoni ta' informazzjoni relatata mas-sistema elettronika LORI, maċ-ċertifikati ta' awtentiċità, maċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà u maċ-ċertifikati IMA 1”;**

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, għal kull ċertifikat ta' awtentiċità, ċertifikat ta' eliġibbiltà jew ċertifikat IMA 1 li jitressaq minn operatur fir-rigward tal-kwoti tariffarji ġestiti b'dokumenti li jinħarġu minn pajjiżi terzi, in-numru tal-liċenzja korrispondenti li jkunu ħarġu u l-kwantità koperta minn dik il-liċenzja. In-notifika għandha ssir qabel ma l-liċenzja li tkun inħarġet issir disponibbli għall-operatur.”;

(4) fl-Artikolu 42, is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara d-disa' subparagrafu:

“F'konformità mal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244 (\*), huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni taċ-ċanga soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(\*) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244 tas-27 ta' Novembru 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand (ĠU L, 2024/244, 28.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/244/oj>).”;

(5) fl-Artikolu 44, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Mal-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni, l-applikanti għandhom jippreżentaw iċ-ċertifikat ta' awtentiċità jew iċ-ċertifikat ta' eliġibbiltà u kopja tiegħu lill-awtorità tal-ħruġ tal-liċenzji. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħorġu liċenzji tal-importazzjoni biss meta jkunu sodisfatti li l-informazzjoni kollha fuq iċ-ċertifikat ta' awtentiċità jew fuq iċ-ċertifikat ta' eliġibbiltà tikkorrispondi għal dik li tasal kull ġimgħa mingħand il-Kummissjoni.

Meta tkun ġiet ippreżentata biss kopja taċ-ċertifikat ta' awtentiċità jew taċ-ċertifikat ta' eliġibbiltà, jew meta tkun ġiet ippreżentata l-kopja oriġinali taċ-ċertifikat ta' awtentiċità jew taċ-ċertifikat ta' eliġibbiltà iżda l-informazzjoni f'dak id-dokument ma tkunx f'konformità mal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu lill-applikant għal-liċenzja jressaq garanzija addizzjonali skont l-Artikolu 45.”;

(6) L-Artikolu 45 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Madankollu, din il-garanzija addizzjonali ma għandhiex tkun meħtieġa meta l-awtorità tal-pajjiż tal-esportazzjoni tkun ipprovdiet kopja taċ-ċertifikat ta' awtentiċità jew taċ-ċertifikat ta' eliġibbiltà permezz tas-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 72(8).”;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-Istati Membri għandhom joħorġu l-garanzija addizzjonali ladarba jirċievu l-kopja oriġinali taċ-ċertifikat ta' awtentiċità jew taċ-ċertifikat ta' eliġibbiltà u jkunu sodisfatti li l-kontenut tagħha tikkorrispondi għall-informazzjoni li tasal mingħand il-Kummissjoni.”;

(7) jiddaħħal l-Artikolu 46 a li ġej:

“Artikolu 46a

**Kwota tariffarja għaċ-ċanga u l-vitella friski u ffriżati li joriġinaw minn New Zealand bin-numru tal-ordni 09.4456**

1. Dan l-Artikolu japplika għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4456.

2. Il-ħruġ ta' liċenzja tal-importazzjoni u r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-kwantitajiet importati fil-kwota tariffarja msemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru bil-kundizzjoni tal-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' eliġibbiltà.

3. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom jiffasslu f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XIV, il-punt 6.

4. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom jimtlew b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

5. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandu jkollhom numru tas-serje individwali allokat mill-awtorità tal-ħruġ.

6. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom ikunu validi biss jekk ikunu mimlijin u approvati kif xieraq mill-awtorità tal-ħruġ għall-kwota tariffarja tal-importazzjoni kkonċernata.

7. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom jitqiesu li ġew approvati kif xieraq jekk ikunu jindikaw id-data u l-post tal-ħruġ u jekk ikollhom siġill stampat jew it-timbru tal-awtorità tal-ħruġ u l-firma tal-persuna jew tal-persuni li nġataw is-setgħa li jiffirmawhom.

8. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom ikunu validi sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja applikabbli.

9. Il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fl-Anness XVI, il-Parti C, għandhom jintużaw sabiex il-piż tal-prodott jiġi kkonvertit f'ekwivalenti tal-piż tal-karkassa għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4456.”;

(8) fl-Artikolu 48, jiddaħħal il-paragrafu li ġej wara t-tieni subparagrafu:

“F'konformità mal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand, approvat bid-Deċizzjoni (UE) 2024/244, huma miftuħa kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' trab tal-ħalib, butir u ġobon skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.”;

(9) L-Artikolu 49 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 49

**Kwoti tariffarji tad-WTO għall-ġobon minn New Zealand**

1. Dan l-Artikolu japplika għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4516.

2. L-awtoritajiet doganali għandhom jindikaw in-numru tas-serje taċ-ċertifikat IMA 1 fit-Taqsima 31 tal-liċenzja tal-importazzjoni.

3. Iċ-ċertifikati IMA 1 għandhom jiffasslu f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XIV.5, il-Parti A, il-punt A1.”;

(10) L-Artikolu 50 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 50

**Kwoti tariffarji tad-WTO għall-butir minn New Zealand**

1. Dan l-Artikolu japplika għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4523, 09.4524 u 09.4525.
2. L-awtoritajiet doganali għandhom jindikaw in-numru tas-serje taċ-ċertifikat IMA 1 fit-Taqsima 31 tal-liċenzja tal-importazzjoni.
3. Iċ-ċertifikati IMA 1 għandhom jiffasslu f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XIV.5, il-Parti A, il-punt A2.
4. Il-kwantitajiet innotifikati lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet kompetenti għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4523, 09.4524 u 09.4525 għandhom jitqassmu skont il-kodiċi NM.”;

(11) jiddaħħal l-Artikolu 51 li ġej:

“Artikolu 51

**Kwoti tariffarji għat-trab tal-ħalib, għall-butir u għall-ġobon li joriġinaw minn New Zealand bin-numri tal-ordni 09.4518, 09.4519 u 09.4520**

1. Dan l-Artikolu japplika għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4518, 09.4519 u 09.4520.
2. Il-ħruġ ta' liċenzja tal-importazzjoni u r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-kwantitajiet importati fil-kwoti tariffarji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru bil-kundizzjoni tal-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' eliġibbiltà.
3. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom jiffasslu f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XIV.7.
4. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom jimtlew b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.
5. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandu jkollhom numru tas-serje individwali allokat mill-awtorità tal-ħruġ.
6. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom ikunu validi biss jekk ikunu mimlijin u approvati kif xieraq mill-awtorità tal-ħruġ għall-kwota tariffarja tal-importazzjoni kkonċernata.
7. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom jitqiesu li ġew approvati kif xieraq jekk ikunu jindikaw id-data u l-post tal-ħruġ u jekk ikollhom siġill stampat jew it-timbru tal-awtorità tal-ħruġ u l-firma tal-persuna jew tal-persuni li nġataw is-setgħa li jiffirmawhom.
8. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom ikunu validi sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja applikabbli.”;

(12) fl-Artikolu 52, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-liċenzji tal-importazzjoni għal dawk il-kwoti tariffarji għandhom ikopru l-kwantità netta totali indikata fuq iċ-ċertifikat IMA 1 jew fuq iċ-ċertifikat ta' eliġibbiltà.”;

(13) L-Artikolu 72 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt (c) li ġej:

“(c) ċertifikat ta' eliġibbiltà għas-setturi taċ-ċanga u tal-vitella u tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib.”;

(b) il-paragrafi 3 sa 6 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“3. Bl-eċċezzjoni tal-kwoti tariffarji msemmija fl-Artikoli 49 u 50, l-operaturi għandhom jippreżentaw lill-awtorità li toħroġ il-liċenzji tal-Istat Membru tal-importazzjoni l-kopja oriġinali taċ-ċertifikat ta' awtentiċità, taċ-ċertifikat ta' eliġibbiltà jew taċ-ċertifikat IMA 1 flimkien mal-applikazzjoni tagħhom għal-liċenzja tal-importazzjoni. L-operatur għandu jipprovdi wkoll kopja taċ-ċertifikat ta' awtentiċità, taċ-ċertifikat ta' eliġibbiltà jew taċ-ċertifikat IMA 1 jekk dan ikun meħtieġ mill-awtorità tal-ħruġ tal-liċenzji. L-applikazzjoni għandha ssir fil-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat ta' awtentiċità, taċ-ċertifikat ta' eliġibbiltà jew taċ-ċertifikat IMA 1 u sa mhux aktar tard mill-aħħar jum tal-perjodu tal-kwota tariffarja kkonċernat.

4. L-awtorità tal-ħruġ tal-liċenzji għandha tivverifika li l-informazzjoni fuq iċ-ċertifikat ta' awtentiċità, fuq iċ-ċertifikat ta' eliġibbiltà u fuq iċ-ċertifikat IMA 1 tikkorrispondu mal-informazzjoni li tasal mingħand il-Kummissjoni. Jekk dan ikun il-każ u sakemm ma tingħatax struzzjonijiet differenti mingħand il-Kummissjoni, l-awtorità tal-ħruġ tal-liċenzji għandha toħroġ il-liċenzji tal-importazzjoni mingħajr dewmien, sa mhux aktar tard minn 6 ijiem kalendarji minn meta tirċievi l-applikazzjoni ppreżentata ma' ċertifikat ta' awtentiċità, ma' ċertifikat ta' eliġibbiltà jew ma' ċertifikat IMA 1.

5. Għandu jintuża ċertifikat wieħed ta' awtentiċità, ċertifikat wieħed ta' eliġibbiltà jew ċertifikat IMA 1 wieħed għall-ħruġ ta' liċenzja tal-importazzjoni waħda biss.

6. L-awtorità tal-ħruġ tal-liċenzji għandha tieħu nota fuq iċ-ċertifikat ta' awtentiċità, fuq iċ-ċertifikat ta' eliġibbiltà jew fuq iċ-ċertifikat IMA 1 u fuq il-kopja tagħhom tan-numru tal-ħruġ tal-liċenzja u tal-kwantità li għaliha ntuża dak id-dokument. Il-kwantità għandha tiġi espressa f'unitajiet sħaħ, imqarrba għall-eqreb kilogramma f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 8(2)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1239. Iċ-ċertifikat ta' awtentiċità, iċ-ċertifikat ta' eliġibbiltà jew iċ-ċertifikat IMA 1 għandu jinżamm mill-awtorità tal-ħruġ tal-liċenzji. Il-kopja għandha tintbagħat lura lill-applikant biex tintuża għall-proċeduri doganali meta dan ikun indikat fit-Titolu III ta' dan ir-Regolament.”;

(c) fil-paragrafu 8, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“Ladarba l-pajjiż tal-esportazzjoni jkun ħareġ wieħed jew aktar ċertifikati ta' awtentiċità, ċertifikati ta' eliġibbiltà jew ċertifikati IMA 1, dan għandu minnufih jikkomunika lill-Kummissjoni l-ħruġ ta' dawn id-dokumenti.”;

(d) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“9. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji u għall-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri l-kampjuni tat-timbri użati mill-awtorità tal-ħruġ fil-pajjiż tal-esportazzjoni għall-ħruġ ta' iċ-ċertifikat ta' awtentiċità jew ta' iċ-ċertifikat ta' eliġibbiltà. L-ismijiet u l-firem tal-persuni awtorizzati li jiffirmaw iċ-ċertifikat ta' awtentiċità jew iċ-ċertifikat ta' eliġibbiltà, ikkomunikati lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-esportazzjoni, għandhom isiru disponibbli wkoll għall-awtoritajiet tal-ħruġ tal-liċenzji u għall-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. L-aċċess għall-bażi tad-data tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Eżemplari (SMS) li jkun fiha din l-informazzjoni għandu jkun limitat għal persuni awtorizzati u għandu jkun disponibbli għall-Istati Membri permezz ta' sistema ta' informazzjoni stabbilita f'konformità mal-Artikoli 57 u 58 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.”;

(14) L-Annessi I, VIII, IX, XIV, u XVI huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

### Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħal l-Artikolu 31a li ġej:

“Artikolu 31a

**Kwoti tariffarji għal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż frisk, imkessaħ u ffrizāt li joriġina minn New Zealand bin-numri tal-ordni 09.7901, 09.7898, 09.7899, 09.7902, 09.7896 u 09.7897**

1. Dan l-Artikolu japplika għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.7901, 09.7898, 09.7899, 09.7902, 09.7896 u 09.7897.

2. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-kwantitajiet importati fil-kwoti tariffarji msemmija fil-paragrafu 1 għandu jsir bil-kundizzjoni tal-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' eliġibbiltà.

3. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom jiffasslu f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness II, il-punt H.

4. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom jimtlew b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

5. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandu jkollhom numru tas-serje individwali allokat mill-awtorità tal-ħruġ.

6. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom ikunu validi biss jekk ikunu mimlijin u approvati kif xieraq mill-awtorità tal-ħruġ għall-kwota tariffarja tal-importazzjoni kkonċernata.
  7. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom jitqiesu li ġew approvati kif xieraq jekk ikunu jindikaw id-data u l-post tal-ħruġ u jekk ikollhom siġill stampat jew it-timbru tal-awtorità tal-ħruġ u l-firma tal-persuna jew tal-persuni li ngħataw is-setgħa li jiffirmawhom.
  8. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom ikunu validi sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja applikabbli.
  9. Il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fl-Anness V għandhom jintużaw sabiex il-piż tal-prodott jiġi kkonvertit fekwivalenti tal-piż tal-karkassa għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.7901, 09.7898, 09.7899, 09.7902, 09.7896 u 09.7897.”;
- (2) fil-Kapitolu II, tiżdied it-Taqsima 9 li ġejja:

“TAQSIMA 9

**PRODOTTI AGRIKOLI PROĊESSATI TAL-ĦALIB U XORROX B'KONTENUT GĦOLI TA' PROTEINI**

*Artikolu 31b*

**Kwota tariffarja għall-prodotti agricoli pproċessati tal-ħalib u għax-xorrox b'livell għoli ta' proteini li joriġinaw minn New Zealand bin-numru tal-ordni 09.7903**

1. Dan l-Artikolu japplika għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.7903.
  2. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-kwantitajiet importati fil-kwota tariffarja msemmija fil-paragrafu 1 għandu jsir bil-kundizzjoni tal-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' eliġibbiltà.
  3. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom jifkonnformità mal-mudell stabbilit fl-Anness II, il-punt H.
  4. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom jimtlew b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.
  5. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandu jkollhom numru tas-serje individwali allokat mill-awtorità tal-ħruġ.
  6. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom ikunu validi biss jekk ikunu mimlijin u approvati kif xieraq mill-awtorità tal-ħruġ għall-kwota tariffarja tal-importazzjoni kkonċernata.
  7. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom jitqiesu li ġew approvati kif xieraq jekk ikunu jindikaw id-data u l-post tal-ħruġ u jekk ikollhom siġill stampat jew it-timbru tal-awtorità tal-ħruġ u l-firma tal-persuna jew tal-persuni li ngħataw is-setgħa li jiffirmawhom.
  8. Iċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà għandhom ikunu validi sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja applikabbli.”;
- (3) l-Annessi I u II huma emendati f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (4) Jiżdied l-Anness V, li t-test tiegħu huwa stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

1. Għall-perjodu tal-kwota tariffarja 2024, il-kwantitajiet li għandhom jintużaw għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4456, 09.4518, 09.4519 u 09.4520 huma kwantitajiet *pro rata* kkalkolati għall-proporzjon li jibda mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sa tmiem dak il-perjodu tal-kwota tariffarja.

Għall-perjodu tal-kwota tariffarja 2024, il-kwantità ta' 6 031 000 kg li għandha tintuża għall-kwota tariffarja tad-WTO għall-ġobon bin-numru tal-ordni 09.4516 hija mnaqqsata bil-kwantità akkumulata li għaliha nħarġu l-liċenzji bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' April 2024 għall-kwoti tariffarji tad-WTO għall-ġobon bin-numri tal-ordni 09.4514 u 09.4515.

Għall-perjodu tal-kwota tariffarja 2024, il-kwantità ta' 12 177 000 kg li għandha tintuża għall-kwota tariffarja tad-WTO għall-butir bin-numru tal-ordni 09.4525 hija mnaqqsata bil-kwantità akkumulata li għaliha nħarġu l-liċenzji bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' April 2024 għall-kwoti tariffarji tad-WTO għall-butir bin-numri tal-ordni 09.4182 u 09.4195.

2. Il-liċenzji maħruġa qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għall-kwoti tariffarji 09.4182, 09.4195, 09.4454, 09.4514 u 09.4515 għandhom jibqgħu validi sa tmiem il-perjodu ta' validità tagħhom.
3. Għall-perjodu tal-kwota tariffarja 2024, il-kwantitajiet li għandhom jintużaw għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.7904, 09.7901, 09.7898, 09.7899, 09.7902, 09.7896, 09.7897, 09.7903 u 09.7905 huma kwantitajiet *pro rata* kkalkolati għall-proporzjon li jibda mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sa tmiem dak il-perjodu tal-kwota tariffarja.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2024.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX I

L-Annessi I, VIII, IX, XIV u XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) wara r-ringiela relatata mal-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4505, tiddaħħal ir-ringiela li ġejja relatata mal-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4456:

|          |                 |                |  |    |    |  |      |
|----------|-----------------|----------------|--|----|----|--|------|
| "09.4456 | Ċanga u vitella | Impor-tazzjoni | UE: doku-menti mah-ruga mill-paj-jiż tal-esportazzjoni | Le | Le |  | Le"; |
|----------|-----------------|----------------|--|----|----|--|------|

(b) jitħassru r-ringieli relatati mal-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4182, 09.4195, 09.4514 u 09.4515;

(c) wara r-ringiela relatata mal-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4229, tiddaħħal ir-ringiela li ġejja dwar il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4516:

|          |                            |                |                      |    |     |  |      |
|----------|----------------------------|----------------|----------------------|----|-----|--|------|
| "09.4516 | Ħalib u prodotti tal-ħalib | Impor-tazzjoni | UE: eżami simultanju | Le | Iva |  | Le"; |
|----------|----------------------------|----------------|----------------------|----|-----|--|------|

(d) wara r-ringiela relatata mal-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4602, jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin li jirrigwardaw il-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4518, 09.4519, 09.4520, 09.4523, 09.4524 u 09.4525:

|          |                            |                |  |    |     |  |    |
|----------|----------------------------|----------------|--|----|-----|--|----|
| "09.4518 | Ħalib u prodotti tal-ħalib | Impor-tazzjoni | UE: doku-menti mah-ruga mill-paj-jiż tal-esportazzjoni | Le | Le  |  | Le |
| 09.4519  | Ħalib u prodotti tal-ħalib | Impor-tazzjoni | UE: doku-menti mah-ruga mill-paj-jiż tal-esportazzjoni | Le | Le  |  | Le |
| 09.4520  | Ħalib u prodotti tal-ħalib | Impor-tazzjoni | UE: doku-menti mah-ruga mill-paj-jiż tal-esportazzjoni | Le | Le  |  | Le |
| 09.4523  | Ħalib u prodotti tal-ħalib | Impor-tazzjoni | UE: eżami simultanju                                   | Le | Iva |  | Le |



|         |                            |                |                      |    |     |  |      |
|---------|----------------------------|----------------|----------------------|----|-----|--|------|
| 09.4524 | Ħalib u prodotti tal-ħalib | Impor-tazzjoni | UE: eżami simultanju | Le | Iva |  | Le   |
| 09.4525 | Ħalib u prodotti tal-ħalib | Impor-tazzjoni | UE: eżami simultanju | Le | Iva |  | Le”; |

(2) l-Anness VIII huwa emendat kif ġej:

(a) it-tabella relatata mal-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4454 hija emendata kif ġej:

(i) ir-ringiela “Ftehim internazzjonali jew att ieħor” hija sostitwita b’dan li ġej:

|  |   |
|--|---|
| <b>“Ftehim internazzjonali jew att ieħor</b> | <b>Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96</b> tat-18 ta’ Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negożjati tal-GATT XXIV.6; <b>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244</b> tas-27 ta’ Novembru 2023 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta’ Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand”; |
|--|---|

(ii) ir-ringiela “Dazju doganali fil-kwota” hija sostitwita b’dan li ġej:

|                                  |         |
|----------------------------------|---------|
| <b>“Dazju doganali fil-kwota</b> | 7,5 %”; |
|----------------------------------|---------|

(b) tizzied it-tabella li ġejja dwar il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4456:

|   |  |
|---|--|
| <b>“Numru tal-Ordni</b>   | <b>09.4456</b>   |
| <b>Ftehim internazzjonali jew att ieħor</b>   | <b>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244</b> tas-27 ta’ Novembru 2023 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta’ Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand.  |
| <b>Perjodu tal-kwoti tariffarji</b>   | Mill-1 ta’ Jannar sal-31 ta’ Diċembru  |
| <b>Subperjodi tal-kwoti tariffarji</b>  | Le   |
| <b>Applikazzjoni għal-liċenzja</b>  | F’konformità mal-Artikoli 6, 7 u 8 ta’ dan ir-Regolament   |
| <b>Deskrizzjoni tal-prodott</b>   | Laħam frisk, imkessaħ jew iffriżat, xaħmijiet jew preparazzjonijiet ta’ animali bovini li jkunu trabbew skont il-kundizzjonijiet tal-biedja pastorali ta’ New Zealand, jiġifieri minbarra ż-żoni tat-tismin kummerċjali. |
| <b>Oriġini</b>  | New Zealand  |
| <b>Prova tal-oriġini fl-applikazzjoni għal-liċenzja. Jekk iva, il-korp awtorizzat biex joħroġha</b> | Iva. Ċertifikat ta’ eliġibbiltà, li l-mudell tiegħu huwa stabbilit fl-Anness XIV ta’ dan ir-Regolament   |
| <b>Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera</b>                                       | Iva. Ċertifikat ta’ eliġibbiltà, li l-mudell tiegħu huwa stabbilit fl-Anness XIV ta’ dan ir-Regolament   |

|   |  |   |
|---|--|---|
| <b>Kwantità f'kg</b>  | 2024<br>2025<br>2026<br>2027<br>2028<br>2029<br>2030<br>2031<br>u s-snin sussegwenti<br>ta' ekwivalenti tal-piż tal-karkassa   | <i>Pro rata ta'</i> 3 333 000 kg<br>4 286 000 kg<br>5 238 000 kg<br>6 190 000 kg<br>7 143 000 kg<br>8 095 000 kg<br>9 048 000 kg<br>10 000 000 kg |
| <b>Kodiċijiet NM</b>  | 0201, 0202, 0206 10 95, 0206 29 91, 0210 20 10, 0210 20 90, 0210 99 51, 0210 99 59, ex 1502 10 90 (ċanga biss), ex 1502 90 90 (ċanga biss) u 1602 50   |   |
| <b>Dazju doganali fil-kwota</b>   | 7,5 % għall-kodiċijiet NM 0201, 0202, 0206 10 95, 0206 29 91, 0210 20 10, 0210 20 90, 0210 99 51, 0210 99 59 u 1602 50<br>3,2 % għall-kodiċijiet NM ex 1502 10 90 (ċanga biss), ex 1502 90 90 (ċanga biss)   |   |
| <b>Prova tal-kummerċ</b>  | Le   |   |
| <b>Garanzija għal-liċenzja tal-importazzjoni</b>  | EUR 12 għal kull 100 kg  |   |
| <b>Entrati speċifiċi li jridu jsiru fuq l-applikazzjoni għal-liċenzja u fuq il-liċenzja</b> | It-Taqsima 8 tal-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni u tal-liċenzja tal-importazzjoni għandha tindika l-pajjiż tal-orġini; għandha tiġi mmarkata l-kaxxa 'iva' f'dik it-taqsima  |   |
| <b>Perjodu ta' validità tal-liċenzja</b>  | F'konformità mal-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament   |   |
| <b>Trasferibbiltà tal-liċenzja</b>  | Iva  |   |
| <b>Kwantità ta' referenza</b>   | Le   |   |
| <b>Operatur irreġistrat fil-bażi tad-data LORI</b>  | Le   |   |
| <b>Kundizzjonijiet speċifiċi</b>  | 'Laħam iffriżat' tfisser laħam li huwa ffrizāt u li għandu temperatura interna ta' – 12 °C jew inqas meta jidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni<br>Il-qatgħat għandhom jiġu ttikkettjati f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>Il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fl-Anness XVI, il-Parti C ta' dan ir-Regolament għandhom jintużaw għall-konverżjoni tal-piż tal-prodott fekwivalenti tal-piż tal-karkassa għall-prodotti koperti min-numru tal-ordni 09.4456<br>F'konformità mal-Artikolu 46a ta' dan ir-Regolament"; |   |

(3) l-Anness IX huwa emendat kif ġej:

- (a) it-tabelli relatati mal-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4182 u 09.4195 huma sostitwiti bit-tabelli li ġejjin relatati mal-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4523, 09.4524 u 09.4525;

|   |  |
|---|--|
| <b>“Numru tal-Ordni</b>   | <b>09.4523</b>   |
| <b>Ftehim internazzjonali jew att ieħor</b>   | <b>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE</b> tat-22 ta’ Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f’isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x’jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta’ negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994);<br><b>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244</b> tas-27 ta’ Novembru 2023 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta’ Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand. |
| <b>Perjodu tal-kwoti tariffarji</b>   | Mill-1 ta’ Jannar sal-31 ta’ Diċembru  |
| <b>Subperjodi tal-kwoti tariffarji</b>  | Le   |
| <b>Applikazzjoni għal-liċenzja</b>  | F’konformità mal-Artikoli 6, 7 u 8 ta’ dan ir-Regolament   |
| <b>Deskrizzjoni tal-prodott</b>   | Butir  |
| <b>Oriġini</b>  | New Zealand  |
| <b>Prova tal-oriġini fl-applikazzjoni għal-liċenzja. Jekk iva, il-korp awtorizzat biex joħroġha</b> | Le   |
| <b>Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera</b>                                       | Iva. Ċertifikat IMA 1, li l-mudell tiegħu huwa stabbilit fl-Anness XIV ta’ dan ir-Regolament   |
| <b>Kwantità f’kg</b>  | 2024 u s-snin sussegwenti 21 000 000 kg  |
| <b>Kodiċijiet NM</b>  | 0405 10  |
| <b>Dazju doganali fil-kwota</b>   | 2024 20 % tar-rata MFN<br>2025 15 % tar-rata MFN<br>2026 13,33 % tar-rata MFN<br>2027 11,64 % tar-rata MFN<br>2028 9,98 % tar-rata MFN<br>2029 8,32 % tar-rata MFN<br>2030 6,66 % tar-rata MFN<br>2031 u s-snin sussegwenti 5 % tar-rata tal-MFN   |
| <b>Prova tal-kummerċ</b>  | Iva. 100 tunnellata.   |
| <b>Garanzija għal-liċenzja tal-importazzjoni</b>  | EUR 35 għal kull 100 kg ta’ piż nett   |
| <b>Entrati speċifiċi li jridu jsiru fuq l-applikazzjoni għal-liċenzja u fuq il-liċenzja</b>         | It-Taqsima 8 tal-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni u tal-liċenzja tal-importazzjoni għandha tindika l-pajjiż tal-oriġini; għandha tiġi mmarkata l-kaxxa ‘iva’ f’dik it-taqsima   |
| <b>Perjodu ta’ validità tal-liċenzja</b>  | F’konformità mal-Artikolu 13 ta’ dan ir-Regolament   |
| <b>Trasferibbiltà tal-liċenzja</b>  | Iva  |
| <b>Kwantità ta’ referenza</b>   | Le   |
| <b>Operatur irreġistrat fil-bażi tad-<i>data</i> LORI</b>   | Le   |
| <b>Kundizzjonijiet speċifiċi</b>  | F’konformità mal-Artikoli 50, 53 u 54 ta’ dan ir-Regolament  |

|   |  |
|---|--|
| <b>Numru tal-Ordni</b>  | <b>09.4524</b>   |
| <b>Ftehim internazzjonali jew att ieħor</b>   | <b>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE</b> tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994)<br><b>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244</b> tas-27 ta' Novembru 2023 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand |
| <b>Perjodu tal-kwoti tariffarji</b>   | Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru  |
| <b>Subperjodi tal-kwoti tariffarji</b>  | Le   |
| <b>Applikazzjoni għal-liċenzja</b>  | F'konformità mal-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan ir-Regolament   |
| <b>Deskrizzjoni tal-prodott</b>   | Butir  |
| <b>Oriġini</b>  | New Zealand  |
| <b>Prova tal-oriġini fl-applikazzjoni għal-liċenzja. Jekk iva, il-korp awtorizzat biex joħroġha</b> | Le   |
| <b>Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera</b>                                       | Iva. Ċertifikat IMA 1, li l-mudell tiegħu huwa stabbilit fl-Anness XIV ta' dan ir-Regolament   |
| <b>Kwantità f'kg</b>  | 2024 u s-snin sussegwenti 14 000 000 kg  |
| <b>Kodiċijiet NM</b>  | 0405 10  |
| <b>Dazju doganali fil-kwota</b>   | 30 % tar-rata MFN  |
| <b>Prova tal-kummerċ</b>  | Iva. 100 tunnellata.   |
| <b>Garanzija għal-liċenzja tal-importazzjoni</b>  | EUR 35 għal kull 100 kg ta' piż nett   |
| <b>Entrati speċifiċi li jridu jsiru fuq l-applikazzjoni għal-liċenzja u fuq il-liċenzja</b>         | It-Taqsima 8 tal-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni u tal-liċenzja tal-importazzjoni għandha tindika l-pajjiż tal-oriġini; għandha tiġi mmarkata l-kaxxa 'iva' f'dik it-taqsima   |
| <b>Perjodu ta' validità tal-liċenzja</b>  | F'konformità mal-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament   |
| <b>Trasferibbiltà tal-liċenzja</b>  | Iva  |
| <b>Kwantità ta' referenza</b>   | Le   |
| <b>Operatur irreġistrat fil-bażi tad-data LORI</b>  | Le   |
| <b>Kundizzjonijiet speċifiċi</b>  | F'konformità mal-Artikoli 50, 53 u 54 ta' dan ir-Regolament  |

|   |  |
|---|--|
| <b>Numru tal-Ordni</b>  | <b>09.4525</b>   |
| <b>Ftehim internazzjonali jew att ieħor</b>   | <b>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE</b> tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994);<br><b>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244</b> tas-27 ta' Novembru 2023 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand. |
| <b>Perjodu tal-kwoti tariffarji</b>   | Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru  |
| <b>Subperjodi tal-kwoti tariffarji</b>  | Le   |
| <b>Applikazzjoni għal-liċenzja</b>  | F'konformità mal-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan ir-Regolament   |
| <b>Deskrizzjoni tal-prodott</b>   | Butir  |
| <b>Oriġini</b>  | New Zealand  |
| <b>Prova tal-oriġini fl-applikazzjoni għal-liċenzja. Jekk iva, il-korp awtorizzat biex joħroġha</b> | Le   |
| <b>Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera</b>                                       | Iva. Ċertifikat IMA 1, li l-mudell tiegħu huwa stabbilit fl-Anness XIV ta' dan ir-Regolament   |
| <b>Kwantità f'kg</b>  | 2024 F'konformità mal-Artikolu 3(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1178<br>2025 u s-snin sussegwenti 12 177 000 kg   |
| <b>Kodiċijiet NM</b>  | 0405 10  |
| <b>Dazju doganali fil-kwota</b>   | EUR 70 għal kull 100 kg ta' piż nett   |
| <b>Prova tal-kummerċ</b>  | Iva. 100 tunnellata.   |
| <b>Garanzija għal-liċenzja tal-importazzjoni</b>  | EUR 35 għal kull 100 kg ta' piż nett   |
| <b>Entrati speċifiċi li jridu jsiru fuq l-applikazzjoni għal-liċenzja u fuq il-liċenzja</b>         | It-Taqsima 8 tal-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni u tal-liċenzja tal-importazzjoni għandha tindika l-pajjiż tal-oriġini; għandha tiġi mmarkata l-kaxxa 'iva' f'dik it-taqsima   |
| <b>Perjodu ta' validità tal-liċenzja</b>  | F'konformità mal-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament   |
| <b>Trasferibbiltà tal-liċenzja</b>  | Iva  |
| <b>Kwantità ta' referenza</b>   | Le   |
| <b>Operatur irreġistrat fil-bażi tad-data LORI</b>  | Le   |
| <b>Kundizzjonijiet speċifiċi</b>  | F'konformità mal-Artikoli 50, 53 u 54 ta' dan ir-Regolament";  |

- (b) it-tabelli relatati mal-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4514 u 09.4515 huma sostitwiti bit-tabella li ġejja relatata mal-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4516:

|   |   |
|---|---|
| <b>“Numru tal-Ordni</b>   | <b>09.4516</b>  |
| <b>Ftehim internazzjonali jew att ieħor</b>   | <b>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE</b> tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994)<br><b>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244</b> tas-27 ta' Novembru 2023 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand |
| <b>Perjodu tal-kwoti tariffarji</b>   | Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru   |
| <b>Subperjodi tal-kwoti tariffarji</b>  | Le  |
| <b>Applikazzjoni għal-liċenzja</b>  | F'konformità mal-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dan ir-Regolament  |
| <b>Deskrizzjoni tal-prodott</b>   | Ġobon u baqta   |
| <b>Oriġini</b>  | New Zealand   |
| <b>Prova tal-oriġini fl-applikazzjoni għal-liċenzja. Jekk iva, il-korp awtorizzat biex joħroġha</b> | Le  |
| <b>Prova tal-oriġini għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera</b>                                       | Iva. Ċertifikat IMA 1, li l-mudell tiegħu huwa stabbilit fl-Anness XIV ta' dan ir-Regolament  |
| <b>Kwantità f'kg</b>  | 2024 F'konformità mal-Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) [2024/1178 2025 u s-snin sussegwenti 6 031 000 kg  |
| <b>Kodiċijiet NM</b>  | 0406  |
| <b>Dazju doganali fil-kwota</b>   | EUR 0   |
| <b>Prova tal-kummerċ</b>  | Iva. 25 tunnellata  |
| <b>Garanzija għal-liċenzja tal-importazzjoni</b>  | EUR 35 għal kull 100 kg ta' piż nett  |
| <b>Entrati speċifiċi li jridu jsiru fuq l-applikazzjoni għal-liċenzja u fuq il-liċenzja</b>         | It-Taqsima 8 tal-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni u tal-liċenzja tal-importazzjoni għandha tindika l-pajjiż tal-oriġini; għandha tiġi mmarkata l-kaxxa 'iva' f'dik it-taqsima  |
| <b>Perjodu ta' validità tal-liċenzja</b>  | F'konformità mal-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament  |
| <b>Trasferibbiltà tal-liċenzja</b>  | Iva   |
| <b>Kwantità ta' referenza</b>   | Le  |
| <b>Operatur irreġistrat fil-bażi tad-data LORI</b>  | Le  |
| <b>Kundizzjonijiet speċifiċi</b>  | F'konformità mal-Artikoli 49, 53 u 54 ta' dan ir-Regolament”;   |

(c) jizziedu t-tabelli li ġejjin relatati mal-kwota tariffarja bin-numri tal-ordni 09.4518, 09.4519 u 09.4520:

|   |  |      |                           |      |              |      |              |      |              |      |               |      |               |      |               |      |  |                      |               |
|---|--|------|---------------------------|------|--------------|------|--------------|------|--------------|------|---------------|------|---------------|------|---------------|------|--|----------------------|---------------|
| <b>“Numru tal-Ordni</b>   | <b>09.4518</b>   |      |                           |      |              |      |              |      |              |      |               |      |               |      |               |      |  |                      |               |
| <b>Ftehim internazzjonali jew att ieħor</b>   | <b>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244</b> tas-27 ta’ Novembru 2023 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta’ Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand   |      |                           |      |              |      |              |      |              |      |               |      |               |      |               |      |  |                      |               |
| <b>Perjodu tal-kwoti tariffarji</b>   | Mill-1 ta’ Jannar sal-31 ta’ Diċembru  |      |                           |      |              |      |              |      |              |      |               |      |               |      |               |      |  |                      |               |
| <b>Subperjodi tal-kwoti tariffarji</b>  | Le   |      |                           |      |              |      |              |      |              |      |               |      |               |      |               |      |  |                      |               |
